# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 816/01mm**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**George Douglas Barbaro Sant, Maria Barbaro Sant u Alberta Trading Ltd in solidum**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u

wiehed u sebghin centezmu (Lm3743.71) bilanc minn ammont akbar, import ta’ kambjali accettati u iffirmati mill-konvenuti, kopji ta’ liema kambjali jinsabu annessi u immarkati Dok. ‘1’ sa ‘7’, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, nkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-5 ta’ Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.